

Taqkira għall-pubbliku Inizjattiva dwar Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ

X'INHI L-KWISTJONI?

- Minkejja dak kollu li l-UE u l-istati membri qed jagħmlu, il-prospettivi għax-xogħol għaż-żgħażaġh fl-UE huma skoraġġanti. Wieħed minn kull ħames persuni taħt il-25 sena li qed iffittxu għax-xogħol ma jistgħux isibu impjieg. 7.5 miljun żagħżuġh b'età bejn il-15-24 sena la qed jaħdmu, lanqas qed jistudjaw jew jitħarrġu.
- Biex twieġeb għal din is-sitwazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea qed tipproponi inizjattiva dwar Opportunitajiet għaż-Żgħażaġħ bi sħab mal-pajjiżi kollha tal-UE.

X'INHU L-GĦAN AĦĦARI TAL-INIZJATTIVA?

- Biex iż-żgħażaġh bla xogħol li ħallew l-iskola jew it-taħriġ qabel ma laħqu livell sekondarju għoli jingħataw għajjnuna ħalli jmorru lura l-iskola jew f'kurs ta' taħriġ vokazzjonali li jista' jagħtihom il-kapaċitajiet li jeħtieġu biex jakkwistaw impjieg.
- Biex tingħata l-ewwel esperjenza ta' xogħol liż-żgħażaġh li għandhom diploma, iżda li ma jistgħux isibu impjieg.

GĦALIEX MEĦTIEĠA AZZJONI MILL-UE?

- L-UE tista' tipprovdi appoġġ kemm ta' finanzjament u ta' politika biex tgħin lill-awtoritajiet nazzjonali jipprovdu impjegi u opportunitajiet liż-żgħażaġh li jeħtieġhom l-għajjnuna.

X'SE JINBIDEL EŻATTAMENT?

- Partenarjat bejn il-Kummissjoni, l-awtoritajiet nazzjonali, l-imsieħba soċjali u ċivili tas-soċjeta' b'finanzjament immirat aħjar jista' jgħin ħalli iż-żgħażaġh isibu impjieg.
- Tal-anqas 5,000 persuna żagħżuġha se tibbenefika mill-inizjattiva "L-Ewwel Impjieg EURES Tiegħek", biex tgħin isibu impjieg f'pajjiż ieħor tal-UE.
- Il-pajjiżi tal-UE se jistabilixxu skemi biex jiżguraw li iż-żgħażaġh ikunu jew jaħdmu, jistudjaw jew jitħarrġu fi żmien erba' xhur wara li jħallu l-iskola.
- Il-Kummissjoni se tistabilixxi qafas ta' ħidma għal taħriġ ta' kwalità għolja biex tittejjeb l-informazzjoni dwar liema opportunitajiet jinsabu disponibbli fl-UE kollha, kif dawn jistgħu jinkisbu u x'joffru lill-apprendisti.